- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Żootejniku Permanenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Iċ-ċentru li ġej għandu jinħatar bħala iċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-kontribut xjentifiku u tekniku għall-armonizzazzjoni u għat-titjib tal-metodi ta' kontroll tal-prestazzjoni u tal-evalwazzjoni ġenetika tal-ispeċijiet ta' annimali bovini ta' razza pura għat-tnissil:

Interbull Centre
Department of Animal Breeding and Genetics
Swedish University of Agricultural Science — SLU
Ulls väg 26
Box 7023
SE-750 07 Uppsala
Sweden.

⁽¹⁾ ĠUL 171, 29.6.2016, p. 66.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1423**tal-4 ta' Awwissu 2017****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/44 jelenka l-bastimenti magħżulin mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti f'konformità mal-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2146 (2014). Dawk il-bastimenti huma soġġetti għal għadd ta' projbizzjonijiet skont dan ir-Regolament, inkluż il-projbizzjoni li jgħabbu, jittrasportaw jew jiskarikaw żejt mhux raffinat mil-Libja u li jkollhom aċċess għall-portijiet fit-territorju tal-Unjoni.
- (2) Fil-21 ta' Lulju 2017, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti żied il-bastiment *Capricorn* mal-lista ta' bastimenti li huma soġġetti għal miżuri restrittivi. Għaldaqstant, l-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/44 għandu jiġi emendat skont dan.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

⁽¹⁾ ĠUL 206, 1.8.2015, p. 34.

⁽²⁾ ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

ANNEX

L-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/44 jinbidel b'dan li ġej:

“L-ANNEX V

**LISTA TA' BASTIMENTI MSEMMIJA FIL-PUNT (H) TAL-ARTIKOLU 1 U L-ARTIKOLU 15 U MIŻURI
APPLIKABBLI KIF SPEĊIFIKAT MILL-KUMITAT TAS-SANZJONIJIET**

Isem: CAPRICORN

Elenkat skont il-paragrafi 10(a) u 10(b) tar-riżoluzzjoni 2146 (2014), kif estiż u mmodifikat mill-paragrafu 2 tar-riżoluzzjoni 2362 (2017) (projbizzjoni fuq it-tagħbija, it-trasport jew il-ħatt; projbizzjoni li jidħol fil-portijiet). Skont il-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2146, din l-inklużjoni hija valida mil-21 ta' Lulju sal-21 ta' Ottubru 2017, sakemm ma tintemmx qabel mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tar-riżoluzzjoni 2146. Stat tal-Bandiera: Tanzanija.

Informazzjoni addizzjonali

Mis-16 ta' Lulju 2017, il-bastiment kien jinsab 'il barra mix-xatt ta' Ċipru.”

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1424

tal-4 ta' Awwissu 2017

b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OSKE biex jitnaqqas ir-riskju tat-traffikar illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u munizzjon konvenzjonali fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir ("SALW") u l-munizzjon tagħhom ("Strateġija SALW tal-UE"). L-Istrateġija SALW tal-UE enfasizzat li sabiex ikun minimizzat ir-riskju kkawżat mill-kummerċ illeċitu fi u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-akkumulazzjoni enormi ta' SALW maħżuna fxi partijiet tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa, u l-modi ta' kif dawn jixxerdu f'żoni ta' konflitt.
- (2) L-Istrateġija SALW tal-UE tidentifika fost l-oġettivi tagħha t-trawwim ta' multilateraliżmu effettiv sabiex jissawru mekkaniżmi, kemm internazzjonali, reġjonali jew fl-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kontra l-forniment u t-tixrid destabilizzanti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom. Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha, l-Istrateġija SALW tal-UE tirreferi b'mod partikolari għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) bħala waħda mill-organizzazzjonijiet reġjonali li jenħtieġ li tiġi żviluppata l-kooperazzjoni magħha.
- (3) L-Istrateġija SALW tal-UE fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-appoġġ li għandu jingħata lill-azzjoni tal-OSKE fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' SALW u l-munizzjon tagħhom u fil-qerda tal-ħażniet żejda tal-Istati parteċipanti tal-OSKE. B'mod partikolari, l-Unjoni qed tipparteċipa fl-isforzi biex jitnaqqsu l-ħażniet żejda ta' SALW u munizzjon konvenzjonali li fadal mill-Gwerra l-Bierda fil-Lvant tal-Ewropa permezz tal-kooperazzjoni mal-OSKE li ntalbet għall-għajnuna tagħha mill-Istati parteċipanti konċernati.
- (4) Fl-2000, l-Istati parteċipanti tal-OSKE adottaw id-Dokument tal-OSKE dwar SALW li permezz tiegħu huma ntrabtu li jikkumbattu t-traffikar illeċitu ta' SALW fl-aspetti kollha tiegħu. Dak id-Dokument jenfasizza wkoll l-effetti destabilizzanti li l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW u l-ġestjoni u s-sigurtà mhux adegwati tal-ħażniet jista' jkollhom fuq is-sigurtà nazzjonali, reġjonali u internazzjonali.
- (5) Barra minn hekk, fl-2003 l-Istati parteċipanti tal-OSKE adottaw id-dokument tal-OSKE dwar il-ħażniet ta' Munizzjon Konvenzjonali (SCA) u b'hekk irrikonoxxew ir-riskji għas-sigurtà u għas-sikurezza kkawżati mill-akkumulazzjoni eċċessiva ta' munizzjon konvenzjonali. Sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji, huma ddeċidew li jistabbilixxu proċedura Prattika għall-għoti ta' għajnuna għall-qerda ta' ħażniet żejda ta' munizzjon konvenzjonali u/jew it-titjib tal-prattiki tal-ġestjoni u s-sigurtà tal-ħażniet.
- (6) Id-Dokumenti tal-OSKE dwar SALW u SCA jidentifikaw il-qerda bħala l-metodu ppreferit għar-rimi ta' SALW u munizzjon konvenzjonali żejda;
- (7) Fl-2016, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia indirizzaw lill-Istati parteċipanti tal-OSKE fil-Forum għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà tal-OSKE b'talba għall-għajnuna fil-qafas tad-Dokumenti tal-OSKE dwar SALW u SCA għat-titjib tas-sigurtà ta' SALW u l-qerda ta' munizzjon konvenzjonali.

- (8) L-Unjoni preċedentement kienet appoġġat l-attivitajiet tal-OSKE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/662/PESK ⁽¹⁾. Id-Deċiżjoni, li l-implimentazzjoni tagħha ntemmet fl-2015, iffinanzjat attivitajiet bħall-querda ta' SALW żejda, it-titjib tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-ħażniet tal-armi, l-iżvilupp ta' għodod xierqa għaż-żamma ta' reġistri tal-armi, u t-tisħiħ tal-kontrolli fuq it-trasferimenti ta' armi konvenzjonali.
- (9) Fid-19 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2356 ⁽²⁾. Il-fażi l-ġdida tal-proġett taċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir ("SEESAC") ser tibni fuq il-kisbiet fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK ⁽³⁾ filwaqt li żżomm l-approċċ olistiku għall-indirizzar tat-theddida li SALW joħlqu fir-reġjun. B'mod partikolari, il-proġett ser jaħdem biex ikun hemm koordinazzjoni mal-inizjattivi fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li jipprovaw iżidu l-kapaċitajiet tal-pulizija fil-ġestjoni tal-ħażniet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini tal-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà, u tal-multilateraliżmu effettiv fil-livelli globali u reġjonali, l-Unjoni għandha taħdem għall-oġettivi li ġejjin:

- it-tisħiħ tal-paċi u s-sigurtà fil-viċinat tal-Unjoni, billi tnaqqas it-theddida li t-traffikar illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW u munizzjon konvenzjonali joħlqu fir-reġjun tal-OSKE;
- l-appoġġ għal multilateraliżmu effettiv fil-livell reġjonali billi tappoġġa l-azzjoni tal-OSKE għall-prevenzjoni tat-traffikar illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW u munizzjon konvenzjonali.

2. Sabiex jinkiseb l-oġettiv imsemmi fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tieħu l-miżuri li ġejjin:

- tnaqqis tar-riskju tal-proliferazzjoni illeċita ta' SALW fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;
- rimi ta' munizzjon żejjed fil-Georgia.

Deskrizzjoni ddetaljata tal-proġetti msemmijin f'dan il-paragrafu tidher fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mis-Segretarjat tal-OSKE.

3. Is-Segretarjat tal-OSKE għandu jwettaq il-kompitu tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dan il-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat tal-OSKE.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 1 353 878,52.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/662/PESK tal-25 ta' Ottubru 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fi, u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fir-reġjun kopert mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) (ĠU L 297, 26.10.2012, p. 29).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2356 tad-19 ta' Diċembru 2016 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 348, 21.12.2016, p. 60).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom (ĠU L 332, 11.12.2013, p. 19).

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni xierqa tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mas-Segretarjat tal-OSKE. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jstipula li s-Segretarjat tal-OSKE jrid jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta għad-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 4

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mis-Segretarjat tal-OSKE. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk dak il-ftehim ta' finanzjament ma jkunx ġie konkluż sa dak iż-żmien.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. MAASIKAS

ANNEX

1. Sfond

Fl-2016, żewġ Stati parteċipanti tal-OSKE — l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia — talbu appoġġ għal attivitajiet marbutin maż-żieda ta' sigurtà għall-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u r-rimi ta' munizzjon konvenzjonali żejjed.

Fl-2016, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ddikjarat li kienet teħtieġ għajnuna biex tiżdied is-sigurtà fiżika u dik tal-IT ta' kmamar ta' ħżin ta' SALW u munizzjon fi 15-il għassa tal-pulizija fil-fruntiera ("border police stations" — BPS) u f'ċentru reġjonali wieħed għall-affarijiet tal-fruntieri ("regional centre for border affairs" — RCBA). Barra minn hekk, it-talba identifikat il-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni (MoIA) billi jittejbu l-proċeduri ta' ġestjoni tal-ħażniet ta' armi tas-servizz. Il-Missjoni tal-OSKE fi Skopje (OMSk) tat appoġġ kontinwu lill-MoIA fil-qasam tas-sigurtà billi ffaċilitat eżerċizzji koŋunti transkonfinali u organizzat taħriġ dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-osservazzjoni tal-fruntieri hodur, it-tweittiq ta' rikonoximent tal-wiċċ, u t-fassil ta' profili. Filwaqt li bena fuq il-kooperazzjoni eżistenti, il-MoIA identifika l-OMSk bħala sieħeb għall-implimentazzjoni ta' aġġornamenti tas-sigurtà u l-bini tal-kapaċitajiet.

Wara l-Gwerra l-Bierda, il-Ministeru għad-Difiża tal-Georgia kien fadallu ħażniet sostanzjali ta' munizzjon konvenzjonali tal-era Sovjetika. Xi wħud minn dawn il-ħażniet tnaqqsu bħala parti minn sforzi nazzjonali, kif ukoll proġetti ta' għajnuna internazzjonali u bilaterali. Għaldaqstant, mill-2005 sal-2013 tlestew tliet proġetti għar-rimi ta' rokits iggwidati u mhux iggwidati bl-appoġġ tal-Aġenzija ta' Manutenzjoni u Provvista tan-NATO u d-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti. Fl-2007, l-2011 u l-2012, l-OSKE u l-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) appoġġaw ukoll proġetti għall-użu, l-ipproċessar u r-rimi tal-ammonti żejda li kien fadal ta' rokits iggwidati u mhux iggwidati tal-inġenji tal-ajru u l-komponenti perikolużi tagħhom. Barra minn hekk, l-OSKE tat għajnuna għar-rimi ta' munizzjonijiet dispersivi, bombi u balal ta' artillerija mill-2012 sal-2016.

Fl-2016, il-Georgia ppreżentat talba ġdida għal għajnuna lill-Forum għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà (FSC) tal-OSKE għar-rimi ta' 461 tunnellata ta' munizzjon konvenzjonali żejjed, li jinkludi 121 tunnellata ta' balal ta' artillerija u 340 tunnellata ta' bombi. Għalkemm l-OSKE bħalissa ma għandhiex preżenza fuq il-post fil-Georgia, l-Organizzazzjoni għandha rekord ta' suċċess fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' rimi ta' munizzjon fil-pajjiż. L-OSKE u l-Georgia ħolqu qafas għall-kooperazzjoni bl-iżvilupp ta' programm bl-isem "Programme for Demilitarisation Works of Outdated, Written off and Obsolete Ammunition Existing at the Military Bases in Georgia". F'April 2014, is-Segretarjat tal-OSKE u l-Georgia ffirmaw Memorandum ta' Qbil (MtQ), li jirregola dettalji addizzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm.

Bħala tkompliġja tal-implimentazzjoni b'suċċess tad-Deċiżjoni 2012/662/PESK, il-proġetti attwali jikkonċentraw fuq it-tisħiħ ulterjuri tal-kontroll nazzjonali fuq SALW u munizzjon u l-għajnuna lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia biex dawn iħarsu l-impenji internazzjonali tagħhom f'dan il-qasam.

2. Objettiv ġenerali

Biex tissaħħaħ is-sigurtà fir-reġjuni tax-Xlokk tal-Ewropa u l-Kawkasu tan-Nofsinhar billi titnaqqas it-theddida mill-proliferażjoni mhux kontrollata ta' SALW u munizzjon konvenzjonali.

3. Deskrizzjoni tal-proġetti

Il-proġetti jibnu fuq l-attivitajiet tal-OSKE fl-imgħoddi u fuq dawk li għaddejjin bħalissa biex inaqqsu l-ħażniet żejda, itejbu s-sigurtà, u jipprevjenu s-serq ta' SALW u munizzjon, u b'hekk jagħtu kontribut għall-isforzi kontra t-terroriżmu billi jagħmlu possibbli li l-Istati parteċipanti tal-OSKE jindirizzaw wieħed mis-sorsi ta' provvista lin-networks terroristiċi.

3.1 Proġett 1: Tnaqqis tar-riskju ta' proliferazzjoni illeċita ta' SALW fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

3.1.1 Objettiv

Li tiżdied il-kapaċità tal-MoIA tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex iżomm sikuri l-ħażniet ta' SALW u munizzjon biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju tal-proliferażjoni illeċita tagħhom, inkluż għal skopijiet terroristiċi.

3.1.2 Deskrizzjoni

Fit-talba għall-ghajjnuna lill-OSKE, l-MoIA identifika l-vulnerabbiltà tal-kmamar ta' ħżin ta' SALW u munizzjon fi 15-il għassa tal-pulizija fil-fruntiera u f'ċentru reġjonali wieħed għall-affarijiet tal-fruntieri. L-attakk kontra l-għassa tal-pulizija fil-fruntiera qrib Gosince f'April 2015, li rriżulta fis-serq ta' armi u munizzjon, wassal għal eżami komprensiv tas-sigurtà fil-kmamar ta' ħżin ta' SALW fl-għases tal-pulizija fil-fruntiera. Bi tweġiba għat-talba għall-ghajjnuna, il-Missjoni tal-OSKE fi Skopje wettqet valutazzjoni tal-ħtiġijiet, li kienet tinkludi żjarat fil-15-il għassa tal-pulizija fil-fruntiera kollha u fiċ-ċentru reġjonali għall-affarijiet tal-fruntieri. L-OSKE identifikat għadd ta' sfidi marbutin mas-sigurtà ta' SALW f'dawn l-għases, fosthom il-ħtieġa li tittejjeb is-sigurtà fiżika tal-kmamar ta' ħżin eżistenti, li jissaħħu l-proċeduri ta' żamma ta' reġistri, li tiżdied il-kapaċità tal-persunal għall-ġestjoni ta' SALW tas-servizz u kkonfiskati, u li tiżdied il-ħila tal-MoIA li jipprevjeni l-proliferazzjoni ta' SALW mill-ħażniet tiegħu.

3.1.3 Riżultati mistennija

B'din l-attività l-Missjoni tal-OSKE fi Skopje (OMSk) qed tkompli bl-isforzi tagħha biex tibni l-kapaċitajiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Dan il-proġett ser jikkontribwixxi għall-kisba tar-riżultati speċifiċi li ġejjin:

Riżultat 1: Aktar sigurtà fiżika u tal-IT għall-ħażniet ta' SALW u munizzjon fi 15-il għassa tal-pulizija fil-fruntiera u ċentru reġjonali wieħed għall-affarijiet tal-fruntieri

Indikaturi:

- 15-il għassa tal-pulizija fil-fruntiera u ċentru reġjonali wieħed għall-affarijiet tal-fruntieri jkollhom kmamar ta' ħżin ta' SALW b'aktar sigurtà fiżika u protezzjoni tal-IT.

Riżultat 2: Kapaċità miżjuda tal-MoIA biex jimplementa l-ġestjoni ta' ħażniet ta' SALW.

Indikaturi:

- Proċeduri Operattivi Standard Żviluppati (SOPs) għall-ġestjoni ta' armi tas-servizz;
- Ġie organizzat kors wieħed għat-taħriġ ta' min iħarreġ;
- Ipprovduti 16-il kors ta' taħriġ fuq il-post fi 15-il BPS u BCBA wieħed.

3.1.4 Tim għall-Implimentazzjoni tal-Proġett

It-tim għall-implimentazzjoni tal-proġett (PIT) ser ikun jikkonsisti minn Koordinatur tal-Proġett tal-Infurzar tal-Liġi (LEPC) kif ukoll assistent tal-proġett. Il-PIT ser ikun responsabbli għall-ġestjoni taċ-ċiklu kollu tal-proġett, inkluż l-istabbiliment tal-oqfsa legali, ta' ġestjoni, ta' monitoraġġ u ta' verifika, għall-kisba effettiva tar-riżultati u r-rappurtar tal-proġett.

3.1.5 Attivitajiet

3.1.5.1 Dokumentazzjoni ta' offerti

Id-dokumentazzjoni għall-offerta pubblika għal titjib fis-sigurtà ta' 15-il BPS u RCBA wieħed ser tkun ibbażata fuq l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tal-kostruzzjoni, kif mogħtija fir-regolamenti nazzjonali u l-aħjar prattiki tal-OSKE għall-ħażniet ta' SALW u ta' munizzjon konvenzjonali. L-OMSk ser takkwista s-servizzi ta' kumpannija biex tiżviluppa l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tal-kostruzzjoni. Il-fornitur magħżul ser jelabora u jagħti lill-OMSk u lill-MoIA d-dokumentazzjoni rilevanti kollha tad-disinn tal-kostruzzjoni, waqt li jiżgura li din tkun ikkoordinata u approvata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kollha u konformi mar-regoli u l-proċeduri tal-OSKE.

3.1.5.2 Titjib fis-sigurtà

L-OMSk ser tiżviluppa d-dokumentazzjoni meħtieġa għal offerti kompetittivi miftuħa u tmexxi t-talba għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-forniment ta' tagħmir tas-sigurtà tal-IT f'konformità mar-regoli u r-regolamenti tal-OSKE. Il-kuntrattur magħżul ser jimplementa l-miżuri ta' sigurtà f'konformità mad-disinn tal-kostruzzjoni approvat. Il-PIT ser jorganizza l-monitoraġġ u s-superviżjoni teknika tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà u l-verifika tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tekniċi rilevanti.

3.1.5.3 L-iżvilupp tal-SOPs fil-ġestjoni ta' armi u munizzjoni tas-servizz

Il-PIT ser jistabbilixxi grupp ta' ħidma magħmul minn rappreżentanti tal-OSKE u d-dipartimenti rilevanti fi ħdan il-MoIA, inklużi l-Punt Fokali SALW, Unità għall-Esplojtazzjoni, Kriptologija u CCTV, Dipartiment tal-Ġestjoni tal-Kostruzzjoni, Dipartiment Legali, Settur għall-Affarijiet tal-Fruntiera u l-Migrazzjoni, u l-Uffiċċju għas-Sigurtà Pubblika. Il-grupp ta' ħidma ser ikollu erba' laqgħat għall-iżvilupp tal-SOPs u ser ikunu appoġġat minn esperti nazzjonali u ieħor internazzjonali. L-SOPs ser jipprovdu pariri u gwida lill-persunal tal-MoIA dwar kif għandhom jużaw l-għodod tekniċi u tal-IT ġodda b'mod standardizzat.

3.1.5.4 Taħriġ

Il-PIT ser jiġġestixxi l-iżvilupp ta' manwal tat-taħriġ dwar l-SOPs il-ġodda, inkluż ir-reklutaġġ ta' esperti għall-iżvilupp, l-istampar u t-tqassim tiegħu lil persunal rilevanti tal-MoIA, kif ukoll it-traduzzjoni għall-Ingliż. Kopji bl-Ingliż ser jitqassmu lil Operazzjonijiet fuq il-Post oħra tal-OSKE kif ukoll lis-Segretarjat tal-OSKE sabiex jiġu pprovduti viżibbiltà u materjal għal referenza futura.

Il-PIT ser jorganizza l-kors għat-taħriġ ta' min iħarreġ għal 30 rappreżentant nominat minn erba' Ċentri Reġjonali għall-Affarijiet tal-Fruntiera u tmien Setturi għall-Affarijiet Interni, bil-għan li jżied l-għarfien tagħhom tal-użu tas-sistemi l-ġodda għas-sigurtà u l-IT fil-kmamar għall-ħażna rinnovati. Sussegwentement, dawk li jtemmu l-kors ser jagħtu taħriġ fil-pajjiż kollu fiċ-ċentri reġjonali u s-setturi rispettivi tagħhom, biex b'hekk tiġi żgurata sostenibbiltà tal-attività.

3.1.5.5 Viżibbiltà tal-Unjoni

L-għan tal-attivitàjiet ta' viżibbiltà ser ikun li jipubblicizzaw l-appoġġ tal-Unjoni billi jitnaqqsu tar-riskji tal-proliferazzjoni ta' armi u munizzjon permezz tal-attivitàjiet implimentati mill-OSKE. L-avvenimenti ta' viżibbiltà ser jiffokaw fuq is-sensibilizzazzjoni fost udjenzi magħżula kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali dwar l-implimentazzjoni ta' attivitàjiet speċifiċi fi ħdan il-proġett, l-impatt tagħhom fuq it-tnaqqis tat-theddida minn proliferazzjoni mhux ikkontrollata, u l-istabbiltà ġenerali tar-reġjun. L-attivitàjiet ta' viżibbiltà ser isegwu pjan għall-viżibbiltà tal-proġett. Huwa previst li jiġu żviluppati diversi tipi ta' materjali ta' viżibbiltà sabiex ir-riżultati tal-proġett jiġu ppreżentati lill-udjenza fil-mira. Huma ser jinkludu roll-ups, strixxuni, fuljetti, materjal fotografiku, videos kif ukoll il-promozzjoni tar-riżultati fl-avvenimenti ta' viżibbiltà.

3.2 Proġett 2: Rimi ta' munizzjon żejjed fil-Georgia

3.2.1 Objettiv

L-appoġġ għall-proċess ta' titjib tal-ġestjoni tal-ħażniet tal-munizzjon fil-Georgia permezz tar-rimi ta' 461 tunnellata ta' munizzjon żejjed.

3.2.2 Deskrizzjoni

Fl-2016, il-Georgia talbet assistenza għar-rimi ta' 461 tunnellata ta' ħażniet żejda ta' munizzjon konvenzjonali f'konformità mal-"Programme for Demilitarisation Works of Outdated, Written off and Obsolete Ammunitions Existing at the Military Bases in Georgia" ("il-Programm"). Bħala segwitu għall-proġetti tal-OSKE implimentati fl-2007, 2011–2012, u 2014–2016, is-Segretarjat tal-OSKE ser jappoġġa lill-Georgia fl-isforzi tagħha biex iżżid il-kapaċità tagħha għall-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon.

3.2.3 Riżultati mistennija

Riżultat 1: Tnaqqis ta' ħażniet żejda disponibbli ta' munizzjon konvenzjonali b'mod sikur u mhux dannuż għall-ambjent.

Indikaturi:

- Rimi ta' 461 tunnellata ta' munizzjon żejjed.
- Iffirmar tal-ftehim ta' sħubija għall-implimentazzjoni.

- Reklutaġġ tal-persunal tal-proġett.
- Żvilupp tal-Programm ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità.
- Rapport ta' progress trimestrali.
- Rapport ambjentali trimestrali.

3.2.4 Tim għall-Implimentazzjoni tal-Proġett

It-tim għall-implimentazzjoni tal-proġett (PIT) ser jikkonsisti minn amministratur tal-proġett, assistent għall-proġett, konsulent lokali wieħed u żewġ konsulenti internazzjonali. L-amministratur tal-proġett ser ikun uffiċjal tal-OSKE taħt pożizzjoni eżistenti b'kuntratt. L-assistent għall-proġett, il-konsulent lokali u dawk internazzjonali ser jingħataw kuntratt f'konformità mar-regoli u r-regolamenti eżistenti tal-OSKE. Il-PIT ser ikun responsabbli għall-istabbiliment ta' oqfsa legali, ta' ġestjoni, monitoraġġ u verifika għall-kisba effettiva tar-riżultati tal-proġett u l-eżekuzzjoni ta' Programm ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità (QAP).

3.2.5 Sieħeb tal-Implimentazzjoni

Il-Georgia fdat l-implimentazzjoni tal-attivitajiet taħt il-Programm liċ-Ċentru Xjentifiku-Tekniku Militari tal-Istat ("DELTA"). Fil-Georgia, DELTA għandu drittijiet esklużivi għad-demilitarizzazzjoni tal-munizzjon u l-attivitajiet ta' qerda ta' munizzjon, li ngħataw bid-Digriet Nru 321 tal-Ministru għad-Difiża tal-Georgia fl-2005. Minn dak iż-żmien 'l hawn, DELTA kien is-sieħeb tal-implimentazzjoni sottokuntrattat mill-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha parteċipanti fl-appoġġ għall-attivitajiet ta' rimi, inkluż in-NATO, l-UNDP u l-OSKE. Għalhekk, fl-2016 DELTA lesta proġett, bl-appoġġ tal-OSKE, għar-rimi ta' 620 tunnellata ta' rokits tal-inġenji tal-ajru, bombi u balal tal-artillerija.

3.2.6 Attivitajiet

3.2.6.1 Rimi ta' munizzjon żejjed

DELTA wettaq riċerka dwar il-munizzjon li għandu jintrema u żviluppa teknoloġiji, struzzjonijiet u dokumentazzjoni għall-proċess tar-rimi. Barra minn hekk, DELTA beda l-proċess għat-trasport ta' 340 tunnellata ta' bombi żejda mill-post tal-ħażna tagħhom lejn il-faċilità tar-rimi ta' Phonichala, ipprova taħriġ lill-persunal tal-proġett u beda l-proċess ta' żarmar. Il-komponenti splussivi ser jintremew b'detonazzjoni f'ħofra miftuħa fil-faċilità tal-isparar ta' Vaziani. Ir-rimi ta' 121 tunnellata ta' balal tal-artillerija ser issir fil-faċilità ta' Dedoplistkaro. Delta qed jagħmel monitoraġġ tal-effetti ambjentali tal-operazzjonijiet ta' rimi billi jwettaq testijiet ta' kull xahar.

3.2.6.2 Viżibbiltà tal-Unjoni

L-attivitajiet ta' viżibbiltà ser jiffokaw fuq is-sensibilizzazzjoni fost udjenzi magħżula kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' rimi tal-munizzjon u l-impatt tagħhom għaż-żieda tal-kapaċità tal-ġestjoni tal-ħażniet fil-Georgia.

4. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji diretti tal-proġetti ser ikunu tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia responsabbli għal SALW is-sigurtà u l-ġestjoni tal-munizzjon. L-attivitajiet tal-proġett huma konformi mal-istrateġiji nazzjonali dwar SALW u munizzjon u huma allinjati mal-impenn internazzjonali taż-żewġ pajjiżi. Il-popolazzjoni taż-żewġ pajjiżi, il-popolazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa, fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u fl-Unjoni, li huma friskju tal-proliferazzjoni ta' SALW u munizzjon, ukoll ser jibbenefikaw indirettament mill-attivitajiet tal-proġett.

5. Tul ta' żmien

It-tul ta' żmien totali tal-proġetti hu stmat li jkun ta' 36 xahar.

6. Entità tal-Implimentazzjoni Teknika

L-implimentazzjoni teknika ġenerali ta' din id-Deċiżjoni ser tkun fdata lis-Segretarjat tal-OSKE.

7. Kumitat ta' Tmexxija

Il-Kumitat ta' Tmexxija għal dan il-proġett ser ikun magħmul minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli u mill-entità ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Anness. Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jeżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill regolament, tal-anqas darba kull sitt xhur, inkluż bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

8. Rappurtar

Is-Segretarjat tal-OSKE ser jipprova rapporti narrattivi fuq bażi trimestrali biex jiġi rivedut il-progress lejn it-tlestija tar-riżultati tal-proġetti. Is-Segretarjat tal-OSKE ser jippreżenta rapporti narrattivi u finanzjarji annwali u rapport finali fi żmien sitt xhur wara tmiem il-perijodu ta' implimentazzjoni.

9. Spiża totali stmata tal-proġetti u l-kontribut finanzjarju tal-Unjoni

L-istima tal-ispiża totali tal-programm hija EUR 1 353 878,52.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1425**tal-4 ta' Awwissu 2017****dwar azzjoni ta' stabbilizzazzjoni mill-Unjoni Ewropea f'Mopti u Segou**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill laqa' l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fir-reġjun tas-Sahel ("l-Istrateġija tal-UE għas-Sahel"), waqt li sstollinja li l-Unjoni għandha interess, minn żmien twil, li tnaqqas l-insigurtà u ttejjeb l-iżvilupp fir-reġjun tas-Sahel.
- (2) Fid-9 ta' Frar 2015, il-Kunsill tenna l-impenn tiegħu li jappoġġa lill-Mali fit-triq lejn l-iżvilupp, il-paċi, ir-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà. Huwa integrali għal dan li jsir progress mill-Gvern tal-Mali f'termini ta' governanza, demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-riforma tas-setturi tal-ġustizzja u tas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-impunità.
- (3) Fi Frar 2017, il-Gvern tal-Mali adotta l-"Plan de Sécurisation Intégrée des Régions du Centre" ("PSIRC") sabiex jikkumbatti n-nuqqas ta' sigurtà li qed jikber u jstabilixxi mill-ġdid il-preżenza tal-amministrazzjoni ċivili fir-reġjun ċentrali (Mopti u Segou) tal-Mali.
- (4) Fis-26 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel dwar in-Nota ta' Kunċett għal azzjoni ta' stabbilizzazzjoni f'Mopti u Segou implimentata minn tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE, taħt il-patroċinju tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mali.
- (5) Fl-10 ta' Lulju 2017, il-Mali bagħat ittra lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), li tistieden lill-Unjoni tappoġġa l-istabbiliment mill-ġdid tal-amministrazzjoni ċivili fir-reġjun ċentrali tal-Mali permezz tal-istazzjonament ta' tim ta' stabbilizzazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Azzjoni ta' stabbilizzazzjoni mill-UE**

1. L-Unjoni għandha twettaq azzjoni ta' stabbilizzazzjoni f'Mopti u Segou. L-azzjoni għandha tiġi implimentata minn tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE, taħt il-patroċinju tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mali, għal fażi operattiva ta' 12-il xahar.
2. It-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jopera skont l-oġġettivi mogħtija fl-Artikolu 2 u għandu jwettaq il-kompiti mogħtija fl-Artikolu 3.
3. Ir-RGħ għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2***Oġġettivi**

It-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jappoġġa l-pjanijiet u l-politika nazzjonali Maljani permezz ta' pariri lill-awtoritajiet Maljani dwar l-istabbiliment mill-ġdid u l-espansjoni tal-amministrazzjoni ċivili fir-reġjun ċentrali tal-Mali, f'konformità mal-istandards internazzjonali, bl-oġġettiv primarju tal-konsolidazzjoni u l-appoġġ għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi billi tissaħħaħ il-governanza ġenerali f'dan ir-reġjun.

*Artikolu 3***Kompiti**

Sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-azzjoni ta' stabilizzazzjoni mill-UE, it-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu:

- (a) jagħti pariri lill-awtoritajiet Maljani f'Mopti u Segou dwar il-pjanijiet u l-politika nazzjonali Maljani inkluż fuq kwistjonijiet relatati mal-governanza, u jappoġġa l-ippjanar mill-awtoritajiet Maljani ta' attivitajiet maħsuba għar-ritorn tal-amministrazzjoni ċivili fir-reġjun, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-atturi kollha tal-Unjoni u l-programmi rilevanti tal-Unjoni fil-Mali;
- (b) jagħti pariri lill-awtoritajiet tal-Mali f'Mopti u Segou dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati msemmija fil-punt (a), inkluż billi jappoġġa djalogu msaħħaħ bejn l-awtoritajiet Maljani u l-popolazzjonijiet lokali, b'enfasi speċjali fuq l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;
- (c) jiffaċilita l-koordinazzjoni interministerjali fuq kwistjonijiet relatati mal-governanza li jikkonċernaw lil Mopti u Segou, kif ukoll il-koordinazzjoni bejn il-ministeri rilevanti Maljani u l-provinċji ta' Mopti u Segou.

*Artikolu 4***L-istruttura tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE**

1. It-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu jikkomplementa l-azzjoni tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mali u l-missjonijiet tal-PSDK stazzjonati fil-Mali. It-tim għandu jopera f'Bamako, Mopti u Segou.
2. Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mali għandu jkun il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE.
3. Il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu jkun assistit minn viċi kap tat-tim għall-implimentazzjoni ta' kuljum tal-azzjoni ta' stabilizzazzjoni tal-UE.
4. Is-SEAE għandu jidentifika punt ta' kuntatt għat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE fil-kwartieri ġenerali.
5. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mali għandha tipprovdi appoġġ loġistiku lit-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE fir-reġjun.

*Artikolu 5***Il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE**

1. Il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effettiva tal-kompiti tat-tim, inkluż permezz tal-ħruġ ta' struzzjonijiet lill-viċi kap tat-tim.
2. Il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu jkollu responsabbiltà ġenerali sabiex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza tal-Unjoni jitwettaq korrettament.
3. Il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinari fuq it-tim. Għall-persunal issekondat, l-azzjoni dixxiplinari għandha tiġi eżerċitata mill-awtorità nazzjonali li tissekonda f'konformità mar-regoli nazzjonali tagħha jew mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata li tissekonda jew mis-SEAE.
4. Il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu jkollu r-responsabbiltà li jiżgura li l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi tkun parti integrali mill-azzjoni ta' stabilizzazzjoni tal-UE u li din il-ħidma tiġi kkoordinata mal-uffiċċju tal-konsulent prinċipali tas-SEAE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.
5. Il-kap tat-tim ta' stabilizzazzjoni tal-UE għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tat-tim ma' daww imwettqa mill-Istati Membri u l-Missjonijiet tal-PSDK tal-Unjoni stazzjonati fil-Mali.

Artikolu 6

Persunal

1. It-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE, inkluż il-viċi kap tat-tim, għandu jkun magħmul prinċipalment minn persunal issekondat mill-Istati Membri, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mis-SEAE. Il-persunal jista' jiġi rreklutat ukoll mill-kap tat-tim, kif meħtieġ, fuq bażi ta' kuntratt, b'mod partikolari jekk il-funzjonijiet meħtieġa ma jkunux ipprovduti mill-persunal issekondat mill-awtorità li tissekonda.
2. Kull awtorità li tissekonda għandha terfa' l-ispejjeż ta' kwalunkwe membru tal-persunal issekondat minnha lit-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post fejn jiġi stazzjonat, is-salarji, il-kopertura medika u l-allowances, minbarra allowances per diem applikabbli, kif ukoll allowances għat-tbatija u għar-riskju.
3. Kull awtorità li tkun issekondat membru tal-persunal għandha tkun responsabbli biex twieġeb għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mal-issekondar, mill-membri tal-persunal jew dwaru, u għandha tkun responsabbli biex tieħu kwalunkwe azzjoni kontra l-persuna ssekondata.
4. Il-persunal kollu għandu jaqdi dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-azzjoni ta' stabbilizzazzjoni mill-UE. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni tar-RGħ 2013/C 190/01 ⁽¹⁾.

Artikolu 7

Privileġġi u immunitajiet

Ir-RGħ għandu jiżgura li l-persunal tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE jibbenefika mill-istess privileġġi u immunitajiet bħal dawk tal-persunal tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mali.

Artikolu 8

Direzzjoni politika u monitoraġġ mill-KPS

Il-KPS għandu jipprovi direzzjoni politika lill-azzjoni ta' stabbilizzazzjoni mill-UE u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tar-RGħ.

Artikolu 9

Rappurtar

1. Il-kap tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jipprovi rapporti bil-miktub lir-RGħ, lill-KPS u lil korpi preparatorji oħrajn tal-Kunsill kull erba' xhur wara l-bidu tal-fażi operattiva. Għandu wkoll jirrapporta lill-KPS u lil korpi preparatorji oħrajn tal-Kunsill fuq talba. Jekk ikun meħtieġ, is-servizzi tas-SEAE għandhom jipprovi rapporti lill-KPS u lil korpi preparatorji oħrajn tal-Kunsill.
2. Il-kap tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sa tmiem il-mandat tiegħu.

Artikolu 10

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jkun ta' EUR 3 250 000.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' April 2013 dwar ir-regoli ta' sigurtà għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU C 190, 29.6.2013, p. 1).

2. In-nefqa kollha għandha tkun amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist mill-kap tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandha tkun miftuħa mingħajr limitazzjonijiet. Minbarra dan, ma għandha tapplika ebda regola għall-orġini tal-prodotti mixtrija għat-tim ta' stabbilizzazzjoni.
3. Il-kap tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn il-kap tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE u l-Kummissjoni.

Artikolu 11

Sigurtà

1. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mali għandha tkun responsabbli għas-sigurtà tal-membri tat-tim u biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti minimi tas-sigurtà li huma applikabbli għall-persunal tad-Delegazzjoni.
2. Il-kap tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jikkonforma mal-gwida pprovduta mill-Uffiċjal tas-Sigurtà Reġjonali fil-Mali għall-ippjanar tal-miżuri tas-sigurtà kif ukoll l-implimentazzjoni korretta u effettiva tagħhom mit-tim.
3. Il-persunal tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jingħata taħriġ obbligatorju dwar is-sigurtà qabel ma jibda dmirijietu. Għandu jingħata wkoll taħriġ ta' aġġornament regolari fuq il-post tal-operazzjonijiet organizzat mill-Uffiċjal tas-Sigurtà Reġjonali fil-Mali.

Artikolu 12

Rilaxx ta' informazzjoni

1. It-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jikkonforma mal-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni 2013/C 190/01.
2. Ir-RGħ huwa awtorizzat jirrilaxxa lill-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-NU għall-Istabbilizzazzjoni fil-Mali ("MINUSMA") kif adatt u f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-azzjoni ta' stabbilizzazzjoni mill-UE, informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" li jiġu ġġenerati għall-finijiet tal-azzjoni, f'konformità mar-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE fid-Deċiżjoni 2013/C 190/01. Jistgħu jitfasslu arranġamenti lokali għal dan il-għan.
3. Ir-RGħ jista' jiddelega l-awtorizzazzjonijiet għar-rilaxx ta' informazzjoni kif ukoll il-kapaċità għall-konklużjoni tal-arranġamenti msemmija f'dan l-Artikolu lill-kap tat-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE.

Artikolu 13

Koordinazzjoni

1. Ir-RGħ għandu jiżgura l-konsistenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mal-azzjoni esterna tal-Unjoni inġenerali, inklużi l-programmi ta' żvilupp tal-Unjoni, ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sahel (RSUE għas-Sahel), kif ukoll il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali ("EUCAP Sahel Mali") u l-Missjoni tal-UE ta' Taħriġ fil-Mali ("EUTM Mali").
2. It-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jipprovdi aġġornamenti regolari lill-missjonijiet tal-Istati Membri fil-Mali.
3. It-tim ta' stabbilizzazzjoni tal-UE għandu jikkoopera mal-atturi internazzjonali rilevanti kollha, kif meħtieġ, inkluża l-MINUSMA.

*Artikolu 14***Reviżjoni**

Is-SEAE għandha twettaq reviżjoni ta' wara l-azzjoni, abbażi wkoll tar-rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat imsemmi fl-Artikolu 9(2), li għandu jiġi ppreżentat lill-KPS.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ u perijodu ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha u għandha tiskadi fil-31 ta' Ottubru 2018.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1426**tal-4 ta' Awwissu 2017****li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/154**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Fis-27 ta' Jannar 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/154 ⁽²⁾ li aġġornat il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3, u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ("il-lista").
- (3) F'konformità mal-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, huwa neċessarju li ssir reviżjoni f'intervalli regolari tal-ismijiet ta' persuni, gruppi u entitajiet fil-lista biex jiġi żgurat li jkun hemm raġunijiet sabiex dawn jinżammu fiha.
- (4) Din id-Deċiżjoni tistipula r-riżultat tar-reviżjoni li l-Kunsill wettaq fir-rigward ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.
- (5) Il-Kunsill ivverifika li awtoritajiet kompetenti kif imsemmijin fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ħadu deċiżjonijiet fir-rigward tal-persuni, gruppi u entitajiet kollha fuq il-lista fejn jirriżulta li dawn kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK. Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li jenħtieġ li l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK jibqgħu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fihom.
- (6) Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata kif meħtieġ u jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/154 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/154 hija mħassra.

⁽¹⁾ Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/154 tas-27 ta' Jannar 2017 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136 (ĠU L 23, 28.1.2017, p. 21).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

ANNEX

Lista ta' persuni, gruppi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1

I. PERSUNI

1. ABDOLLAHI Hamed (magħruf ukoll bħala Mustafa Abdullahi), imwieled fil-11 ta' Awwissu 1960 fl-Iran. Passaport: D9004878.
2. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
3. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16 ta' Ottubru 1966 f'Tarut (Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
4. ARBABSJAR Manssor (magħruf ukoll bħala Mansour Arbabsjar), imwieled fis-6 jew il-15 ta' Marzu 1955 fl-Iran. Ċittadin Iranjan u tal-Istati Uniti. Passaport: C2002515 (Iran); Passaport: 477845448 (Stati Uniti tal-Amerka). Numru tal-ID nazzjonali: 07442833, data tal-iskadenza l-15 ta' Marzu 2016 (liċenzja tas-sewqan tal-Istati Uniti tal-Amerka).
5. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR, magħruf ukoll bħala SOBIAR, magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-8 ta' Marzu 1978 f'Amsterdam (in-Netherlands).
6. EL HAJJ, Hassan Hassan, imwieled fit-22 ta' Marzu 1988 f'Zaghdraiya, Sidon, il-Libanu, ċittadin Kanadiż. Numru tal-passaport: JX446643 (Kanada).
7. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, Ahmed; magħruf ukoll bħala SA-ID; magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), imwieled fl-1963 fil-Libanu, ċittadin Libaniż.
8. MELIAD, Farah, imwieled fil-5 ta' Novembru 1980 f'Sydney (l-Awstralja), ċittadin Awstraljan. Numru tal-passaport: M2719127 (Awstralja).
9. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem, magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah, magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith, magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul), imwieled fl-14 ta' April 1965 jew l-1 ta' Marzu 1964 fil-Pakistan, Numru tal-passaport 488555.
10. ŞANLI, Dalokay (magħruf ukoll bħala Sinan), imwieled fit-13 ta' Ottubru 1976 f'Pülümür (it-Turkija).
11. SHAHLAI Abdul Reza (magħruf ukoll bħala Abdol Reza Shala'i, magħruf ukoll bħala Abd-al Reza Shalai, magħruf ukoll bħala Abdorreza Shahlai, magħruf ukoll bħala Abdolreza Shahla'i, magħruf ukoll bħala Abdul-Reza Shahlae, magħruf ukoll bħala Hajj Yusef, magħruf ukoll bħala Hajj Yusif, magħruf ukoll bħala Hajji Yasir, magħruf ukoll bħala Hajji Yusif, magħruf ukoll bħala Yusuf Abu-al-Karkh), imwieled bejn wieħed u ieħor fl-1957 fl-Iran. Indirizzi: (1) Kermanshah, Iran, (2) Bażi Militari ta' Mehran, Provinċja ta' Ilam, Iran.
12. SHAKURI Ali Gholam, imwieled bejn wieħed u ieħor fl-1965 f'Tehran, l-Iran.
13. SOLEIMANI Qasem (magħruf ukoll bħala Ghasem Soleymani, magħruf ukoll bħala Qasmi Sulayman, magħruf ukoll bħala Qasem Soleymani, magħruf ukoll bħala Qasem Solaimani, magħruf ukoll bħala Qasem Salimani, magħruf ukoll bħala Qasem Solemani, magħruf ukoll bħala Qasem Sulaimani, magħruf ukoll bħala Qasem Sulemani), imwieled fil-11 ta' Marzu 1957 fl-Iran. Ċittadin Iranjan. Passaport: 008827 (Diplomatiku Iranjan), maħruġ fl-1999. Titolu: Maġġur Ġeneral.

II. GRUPPI U ENTITAJIET

1. "Abu Nidal Organisation" — "ANO" ("Organizzazzjoni Abu Nidal") (magħrufa wkoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju tal-Fatah", magħrufa wkoll bħala l-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", magħrufa wkoll bħala s-"Settembru l-Iswed", magħrufa wkoll bħala l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti").
2. "Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa".
3. "Al-Aqsa e.V."
4. "Babbar Khalsa".
5. "Communist Party of the Philippines" ("Partit Komunista tal-Filippini"), inkluż in-"New People's Army" (l-"Armata l-Ġdida tal-Poplu") — "NPA", il-Filippini.
6. "Gama'a al-Islamiyya" (magħrufa ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya") ("Islamic Group" — "IG" ("Grupp Iżlamiku")).
7. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" — "İBDA-C" ("Front Iżlamiku tal-Ġellieda tal-Lvant il-Kbir").
8. "Hamas", inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem".
9. "Hizballah Military Wing" ("Fergħa Militari tal-Hizballah"), (magħrufa wkoll bħala "Hezbollah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizbullah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizbollah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizbu'llah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hisbollah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizbu'llah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizb Allah Military Wing" magħrufa wkoll bħala "Jihad Council" ("Kunsill tal-Ġiħad") (u l-unitajiet kollha li jirrapurtaw lilha, inkluż l-Organizzazzjoni Esterna tas-Sigurtà)).

10. "Hizbul Mujahideen" — "HM".
 11. "Khalistan Zindabad Force" — "KZF".
 12. "Kurdistan Workers' Party" — "PKK" ("Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan") (magħruf ukoll bħala "KADEK", magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL").
 13. "Liberation Tigers of Tamil Eelam" — "LTTE" ("Tigri għal-Liberazzjoni tat-Tamil Eelam").
 14. "Ejército de Liberación Nacional" ("Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali").
 15. Il-"Ġiħad Iżlamika tal-Palestina" — "PIJ".
 16. "Popular Front for the Liberation of Palestine" — "PFLP" ("Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina").
 17. "Popular Front for the Liberation of Palestine — General Command" (Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina — Kmand Ġenerali") (magħruf ukoll bħala "PFLP — General Command").
 18. "Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia" — "FARC" ("Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja").
 19. "Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi" — "DHKP/C" (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" (ix-"Xellug Rivoluzzjonarju"), magħruf ukoll bħala "Dev Sol") ("Armata/Front/Partit Rivoluzzjonarju għall-Ħelsien tal-Poplu").
 20. "Sendero Luminoso" — "SL" ("Trij li Tiddi").
 21. "Teyrbazen Azadiya Kurdistan" — "TAK" (magħrufa wkoll bħala l-"Falkuni għall-Ħelsien tal-Kurdistan", magħrufa wkoll bħala l-"Isqra għall-Ħelsien tal-Kurdistan").
-

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1427**tal-4 ta' Awwissu 2017****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 ⁽¹⁾.
- (2) Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni (UNSCR) 2362 (2017) li testendi l-applikazzjoni ta' miżuri għal bastimenti li jkunu qed jgħabbu, jittrasportaw jew iħottu żejt mhux maħdum, inkluż żejt mhux raffinat u prodotti petrolifiċi irfinati, esportati b'mod illeċitu jew li jkun sar tentattiv biex jiġu esportati mil-Libja u tispeċifika ulterjorment il-kriterji għall-elekar.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. F'konformità mal-paragrafi 5 sa 9 tal-UNSCR 2146 (2014) u l-paragrafu 2 tal-UNSCR 2362 (2017), l-Istati Membri jistgħu jispezzjonaw il-bastimenti indikati fl-ibħra miftuħa, billi jużaw il-miżuri kollha li jikkorrispondu għaċ-ċirkostanzi speċifiċi, f'konformità sħiħa mad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, skont il-każ, jagħmlu tali spezzjonijiet u jidderieġu l-bastiment biex jieħu azzjonijiet adatti sabiex, bil-kunsens tal-Gvern tal-Libja u f'koordinazzjoni miegħu, jirritorna ż-żejt mhux maħdum, inkluż żejt mhux raffinat u prodotti petrolifiċi irfinati, lil-Libja."

- (2) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Stat Membru li huwa l-Istat tal-bandiera ta' bastiment indikat għandu, f'każ li l-indikazzjoni mill-Kumitat tkun speċifikat dan, jidderieġi l-bastiment biex ma jhottx, ma jittrasportax, u ma jarmix żejt mhux maħdum, inkluż żejt mhux raffinat u prodotti petrolifiċi irfinati, esportati b'mod illeċitu mil-Libja abbord il-bastiment, fin-nuqqas ta' direzzjoni mill-punt fokali tal-Gvern tal-Libja, kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-UNSCR 2146 (2014).";

- (b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Transazzjonijiet finanzjarji miċ-ċittadini tal-Istati Membri jew l-entitajiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jew mit-territorji tal-Istati Membri fir-rigward taż-żejt mhux maħdum, inkluż żejt mhux raffinat u prodotti petrolifiċi irfinati, esportati b'mod illeċitu mil-Libja abbord bastimenti indikati, għandhom, f'każ li l-indikazzjoni mill-Kumitat tkun speċifikat dan, ikunu pprojbti."

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, 1.8.2015. p. 34).

(3) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, ta' persuni indikati u soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 tal-UNSCR 1970 (2011), il-paragrafu 23 tal-UNSCR 1973 (2011), il-paragrafu 4 tal-UNSCR 2174 (2014), il-paragrafu 11 tal-UNSCR 2213 (2015) u l-paragrafu 11 tal-UNSCR 2362 (2017), kif elenkat fl-Anness I.”

(4) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandhom jiġu ffriżati l-fondi, assi finanzjarji oħra u r-riżorsi ekonomiċi kollha, li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati minn, direttament jew indirettament, persuni u entitajiet indikati u soġġetti għal iffriżar tal-assi mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 tal-UNSCR 1970 (2011), il-paragrafi 19 u 23 tal-UNSCR 1973 (2011), il-paragrafu 4 tal-UNSCR 2174 (2014), il-paragrafu 11 tal-UNSCR 2213 (2015) u l-paragrafu 11 tal-UNSCR 2362 (2017), kif elenkat fl-Anness III.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1428**tal-4 ta' Awwissu 2017****b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea taħdem lejn livell għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali, sabiex, fost l-oħrajn, iżżomm il-paċi, tipprevjeni l-konflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, f'konformità mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta Strategġija Ewropea ta' Sigurtà li tidentifika sfidi u theddid globali, u li tappella għal ordni internazzjonali bbażata fuq id-dritt u fuq multilateraliżmu effettiv u istituzzjonijiet internazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb.
- (3) Il-Konvenzjoni fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni Tagħhom ("il-Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1999. Hija tikkostitwixxi l-uniku strument internazzjonali komprensiv li jitratta l-aspetti kollha ta' mini kontra l-persunal, inkluż l-użu, il-kumulazzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċ, it-tneħħija u l-ghajjnuna għall-vittmi tagħhom. L-Istati Membri kollha ilhom mill-1 ta' Ġunju 2013 partijiet għall-Konvenzjoni u fl-1 ta' Settembru 2016, 162 stat esprimew il-kunsens tagħhom li jkunu marbuta biha.
- (4) Fit-23 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/487/PESK ⁽¹⁾ b'appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.
- (5) Fit-3 ta' Diċembru 2009, fit-tieni Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni, l-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni adottaw il-Pjan ta' Azzjoni ta' Kartaġena 2010-2014 dwar l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aspetti kollha tal-Konvenzjoni. Huma adottaw ukoll id-Direttiva tal-Istati Partijiet għall-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni² li fiha l-Istati Partijiet qablu li l-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għandha tipprovdi parir u appoġġ tekniku lill-Istati Partijiet għall-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni, tiffaċilita l-komunikazzjoni fost l-Istati Partijiet, u tippromwovi l-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni rigward il-Konvenzjoni kemm għal Stati li mhumiex partijiet għall-Konvenzjoni kif ukoll għall-pubbliku. Fl-erbatax-il laqgħa tagħhom fl-2015, l-Istati Partijiet adottaw deċiżjoni dwar it-tisħiħ tal-governanza u t-trasparenza finanzjarja fi ħdan l-ISU, li stabbilixxiet il-kondizzjonijiet biex l-ISU ttwettaq attivitajiet jew proġetti li ma jidħlux fil-baġit annwali tagħha, inkluż fuq l-istedina ta' Stati Partijiet u stati mhux firmatarji.
- (6) Fit-13 ta' Novembru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/700/PESK ⁽²⁾ b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Kartaġena 2010-2014.
- (7) Fit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni li saret f'Maputo, Mozambique, f'Ġunju 2014, l-Istati Partijiet adottaw il-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo bil-għan li jsir progress sinifikanti u sostenibbli fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fil-perijodu qabel il-Konferenza ta' Reviżjoni li jmiss (2014-2019) u għamlu dikjarazzjoni konġunta li xtaqu jilħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni "sa fejn l-aktar possibbli sal-2025".
- (8) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2014 fit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fakkar fl-unità tal-Unjoni biex ttwettaq l-oġettivi tal-Konvenzjoni, bit-28 Stat Membru

⁽¹⁾ Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/487/PESK tat-23 ta' Ġunju 2008 b'appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni ta' Ħażna, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini tal-Art Kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom, fil-qafas tal-Istrategġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 165, 26.6.2008, p. 41).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/700/PESK tat- 13 ta' Novembru 2012 fil-qafas tal-Istrategġija Ewropea ta' Sigurtà b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Kartaġena 2010-2014, adottat mill-Istati Parti għall-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni Tagħhom (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 40).

li issa huma Stati Partijiet, u li l- Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom storja twila ta' appoġġ għat-tneħħija tal-mini u d-distruzzjoni ta' mini akkumulati kontra l-persunal, kif ukoll għall-assistenza lill-vittmi tal-mini kontra l-persunal. Il-konklużjonijiet tennew l-appoġġ sod tal-Unjoni lill-Istati Partijiet fl-implimentazzjoni totali u effettiva tagħhom tal-Konvenzjoni, u l-impenn tagħha fil-promozzjoni tal-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni, fil-provediment tar-riżorsi għall-finanzjament tal-azzjoni kontra l-mini u l-assistenza konkreta u sostenibbli lill-vittmi ta' mini kontra l-persunal, lill-familji tagħhom u lill-komunitajiet.

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Biex tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-bniedem billi tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo 2014-2019 adottat mill-Istati Partijiet fit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni tal-1997 fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni Tagħhom (il-“Konvenzjoni”), fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà u f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-komunità internazzjonali, l-Unjoni Ewropea qed taħdem biex tilħaq l-oġġettivi li ġejjin:

- (a) appoġġ għall-isforzi tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni biex jimplimentaw l-aspetti tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo li jirrigwardaw it-tneħħija ta' mini;
- (b) appoġġ għall-isforzi tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni biex jimplimentaw l-aspetti tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo li jirrigwardaw assistenza lill-vittmi;
- (c) promozzjoni tal-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni;
- (d) appoġġ għall-isforzi tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni biex jimplimentaw l-aspetti tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo li jirrigwardaw id-distruzzjoni tal-kumulazzjoni;
- (e) turija tal-impenn kontinwu tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għall-Konvenzjoni u d-determinazzjoni tagħhom li jikkooeraw ma', u jestendu l-assistenza tagħhom għal dawk l-Istati li jeħtieġu appoġġ biex jissodisfaw l-impenni tagħhom taħt il-Konvenzjoni, u jsaħħu r-rwol ewlieni tal-Unjoni biex tintlaħaq il-viżjoni tal-Konvenzjoni li jintemmu definittivament is-sofferenza u l-korrimenti kkawżati minn mini kontra l-persunal.

2. L-oġġettivi kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippruvaw jintlaħqu b'tali mod li jirrinforzaw it-tradizzjoni tal-Konvenzjoni ta' sħubija u kollaborazzjoni bejn l-Istati, organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet oħrajn, inkluż ir-rappreżentanti minn komunitajiet affettwati mill-mini. L-azzjonijiet kollha ser jinkorporaw aspetti ta' ġeneru u diversità fil-livelli ta' tfassil, ġestjoni u implimentazzjoni.

3. Sabiex jinkisbu l-oġġettivi msemmijin fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tappoġġa l-proġetti li ġejjin:

- (a) tneħħija tal-mini: tagħti appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Azzjoni III tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni u t-tisħiħ tal-ippjanar u r-rappurtar nazzjonali f'sa ħames Stati Partijiet affettwati li għandhom skadenzi futuri għat-tneħħija tal-mini fl-2018, l-2019, l-2020 u lil hinn;
- (b) assistenza lill-vittmi: tagħti appoġġ għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għall-Assistenza lill-Vittmi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo f'sa ħames Stati Partijiet affettwati. Il-proġett ser jappoġġa lill-Istati Partijiet biex idaħħlu l-aspetti tal-assistenza lill-vittmi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo f'politika integrata marbuta mal-politiki nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà. Il-proġett għandu l-għan li jagħti s-setgħa lill-vittmi tal-mini biex isiru aġenti attivi fl-iżvilupp tagħhom stess;
- (c) sabiex tiġi promossa l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni, il-proġett ser jappoġġa lill-Presidenza tal-Konvenzjoni u lil task force ta' livell għoli biex jinvolvu flivell għoli lil stati li mhumiex partijiet għall-Konvenzjoni. L-istudju dwar is-sigurtà tal-fruntieri mibdi taħt id-Deċiżjoni 2012/700/PESK ser ikompli jiġi żviluppat;
- (d) distruzzjoni tal-kumulazzjoni: appoġġ għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għad-distruzzjoni tal-kumulazzjoni Azzjoni II tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo;

(e) sabiex jintwera l-impenn tal-Unjoni u tiġi żgurata l-viżibbiltà tiegħu, ser jitħejja avveniment ta' tnedija għall-promozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-appoġġ tal-Unjoni għall-azzjoni kontra l-mini inġenerali, u ser jiġi organizzat avveniment ta' konklużjoni biex tingħata pubbliċità lill-attivitajiet previsti f'din id-Deċiżjoni u l-eżiti tagħhom, u b'hekk jiġi ssottolinjat il-kontribut tal-Unjoni.

4. Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-paragrafu 1 tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(3) għandha titwettaq mill-ISU, irrappreżentata miċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal skopijiet Umanitarji ("GICHHD").

3. L-ISU għandha twettaq dawn il-kompiti taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-GICHHD.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(3) għandu jkun ta' EUR 2 303 274,47.

2. L-infiq ifffinanzjat mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq msemmi fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-GICHHD, li jstipula li l-ISU għandha tiżgura viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

5. L-ISU għandha twettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 2 f'konformità mad-deċiżjoni dwar it-tisħiħ tal-governanza u t-trasparenza finanzjarja fi ħdan l-ISU, meħuda fl-Erbatax-il Laqgħa tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni fl-2015 ⁽¹⁾.

Artikolu 4

Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari li għandhom jitħejjew mill-ISU. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ APLC/MSP.14/2015/L.1 — http://www.apminebanconvention.org/fileadmin/APMBC/MSP/14MSP/ISU_Financing_Decision_Draft_30Nov2015.pdf

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk l-ebda ftehim ta' finanzjament ma jkun ġie konkluż f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

ANNEX

1. Obiettiv

Li jingħata kontribut għas-sigurtà tal-bniedem permezz tal-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo 2014-2019 adottat mill-Istati Partijiet fit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni tal-1997 fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni Tagħhom ("il-Konvenzjoni"), fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà u f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-komunità internazzjonali.

2. Deskrizzjoni tal-Proġetti

2.1. It-Tneħħija tal-Mini: appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Azzjoni III tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo inkluż l-ippjanar u r-rappurtar f'sa ħames Stati Partijiet affettwati

2.1.1. Obiettiv tal-Proġett

Sa ħames Stati Partijiet għall-Konvenzjoni jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-aspetti ta' tneħħija tal-mini tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo.

2.1.2. Deskrizzjoni tal-Proġett

- Ser jingħata appoġġ mill-ISU għal sa ħames Stati Partijiet għall-faċilitazzjoni tad-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati. L-Istati Partijiet eliġibbli għandhom skadenzi futuri għat-tneħħija tal-mini fl-2018, l-2019, l-2020 u lil hinn. Il-Kumitat dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ser ikun involut fl-għażla tal-Istati Partijiet benefiċjarji;
- Id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser ikunu faċilitati mill-ISU, f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, bħal uffiċjali rilevanti tal-gvern, rappreżentanti mill-popolazzjonijiet affettwati mill-mini, donaturi għall-azzjoni kontra l-mini, inkluż entitajiet rilevanti tal-Unjoni, organizzazzjonijiet għat-tneħħija tal-mini, il-Kampanja Internazzjonali għall-Projbizzjoni tal-Mini tal-Art ("ICBL"), l-aġenziji tan-NU u l-GICHD. Kif adatt, dawk l-atturi ewlenin ser ikunu direttament involuti fl-implimentazzjoni tal-proġett soġġetti għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu żviluppati fid-dikjarazzjoni tal-impatt baġitarju. Id-djalogi ser jipproduċu dokument ta' eżitu ddettaljat li jenfasizza informazzjoni ġeografikament speċifika dwar il-bqija taż-żoni li jeħtieġu monitoraġġ u tneħħija, metodoloġiji li jindirizzaw il-bqija taż-żoni u l-isfidi ffaċċjati fit-tweqqif tal-obbligi tat-tneħħija tal-mini u rakkomandazzjonijiet dwar kif jingħelbu dawk l-isfidi kif ukoll perkorsi li jindirizzaw l-isfidi identifikati. Id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser jinkorporaw aspetti ta' ġeneru u diversità tat-tneħħija tal-mini fil-livelli ta' tfassil, ġestjoni u implimentazzjoni;
- Azzjonijiet ta' segwitu, f'mhux aktar minn ħames każijiet, ser jitwettqu b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti ta' eżitu. Dawn l-azzjonijiet ta' segwitu ser jipprovdu appoġġ tekniku addizzjonali mill-ISU (eż. għall-abbozzar/l-aġġornament ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali għat-tneħħija tal-mini, l-iżvilupp ta' proposta jew proposti ta' proġett, eċċ.).

2.1.3. Riżultati tal-Proġett

- Id-djalogi tal-partijiet ikkonċernati ser jipprovdu dokument ta' eżitu ddettaljat li jiddeskrivi l-bqija tal-isfidi, b'objettivi, skedi ta' żmien u rakkomandazzjonijiet għal azzjoni ulterjuri;
- L-Istati Partijiet magħżulin għad-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser ikunu jistgħu jesprimu l-istatus tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo kif ukoll itejbu r-rappurtar annwali tagħhom lill-Istati Parti dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom sal-iskadenza tagħhom;
- L-Istati magħżulin ser jżviluppaw Prattiki tajba għall-bini u t-trawwim ta' sħubiji, inkluż mad-donaturi u l-organizzazzjonijiet għat-tneħħija tal-mini, biex ikun żgurat li jappoġġaw l-isforzi għat-tweqqif tal-obbligi tagħhom fl-iqsar żmien possibbli;

- L-Istati magħżulin ser ikunu jistgħu jesprimu aħjar l-intenzjonijiet tagħhom li jwettqu l-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo u l-ħtieġa tagħhom għall-appoġġ, pereżempju għall-abbozzar u l-aġġornament ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali għat-tneħħija tal-mini, l-iżvilupp ta' proposta jew proposti ta' proġett.

2.1.4. Benefiċjarji

- L-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni li jinsabu fil-proċess li jimplementaw l-obbligi tagħhom għat-tneħħija tal-mini skont il-Konvenzjoni;
- Nisa, bniet, subien u rġiel li ħajjithom hija affettwata mill-preżenza jew il-preżenza ssuspettata ta' mini kontra l-persunal kif ukoll il-familji u l-komunitajiet tagħhom;
- Esperti nazzjonali li jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għat-tneħħija tal-mini;
- Stati u organizzazzjonijiet li jappoġġaw l-isforzi għat-tneħħija tal-mini.

2.2. Assistenza lill-vittmi: appoġġ għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għall-Assistenza lill-Vittmi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo f'sa ħames Stati Partijiet affettwati

2.2.1. Objettiv tal-Proġett

Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo jiddikjara li l-assistenza lill-vittmi għandha tkun integrata f'politiki nazzjonali, pjani u oqfsa legali usa' relatati mad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjeg, l-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar. Il-proġett ser jappoġġa sa ħames Stati Partijiet biex idaħħlu l-aspetti tal-assistenza lill-vittmi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo f'kuntest usa' tal-politiki nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà. Il-proġett għandu l-għan li jagħti s-setgħa lil dawk midruba minn mini jew fdalijiet splussivi oħra tal-gwerra, superstiti kemm b'impedimenti jew b'diżabbiltà kif ukoll dawk mingħajrhom, vittmi indiretti bħal membri tal-familja ta' persuni maqtula minn mini kontra l-persunal, u persuni li jgħixu f'żoni affettwati mill-mini, biex isiru aġenti attivi fl-iżvilupp tagħhom stess. Id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser jinkorporaw aspetti ta' ġeneru u diversità tal-assistenza lill-vittmi fil-livelli ta' tfassil, ġestjoni u implimentazzjoni.

2.2.2. Deskrizzjoni tal-Proġett

- Ser jingħata appoġġ mill-ISU f'sa ħames Stati Partijiet affettwati biex jorganizzaw djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati fi Stati Partijiet li jew:
 - (a) ma tantx ipparteċipaw fl-assistenza lill-vittmi u għalhekk jibbenifikaw minn stimulu biex jibdedw jagħmlu dan; jew
 - (b) ipparteċipaw fl-isforz għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għall-assistenza lill-vittmi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo u jibbenefikaw minn djalogu nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati għall-promozzjoni ta' dawk l-isforzi tal-implimentazzjoni

Il-Kumitat tal-Konvenzjoni għall-Assistenza lill-Vittmi ser ikun involut fl-għażla tal-Istati Partijiet benefiċjarji;

- Id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser ikunu faċilitati mill-ISU, f'kollaborazzjoni mal-atturi ewlenin, bħal uffiċjali rilevanti tal-gvern, donaturi, inkluż l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni, l-aġenziji tan-NU, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem ('UNOHCHR'), il-Kampanja Internazzjonali għall-Projbizzjoni ta' Mini tal-Art u Koalizzjoni kontra l-Munizzjonijiet ta' Tferrix ('ICBL-CMC') u organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà. Id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser jirriżultaw ukoll fl-abbozzar ta' dokument ta' eżitu ddetaljat, żvilupp f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, fejn ser jiġu identifikati sfidi u lakuni fl-implimentazzjoni tal-impenji għall-assistenza lill-vittmi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo, ir-rakkomandazzjonijiet li saru biex dawn jingħelbu u l-objettivi stabbiliti;
- Azzjonijiet ta' segwitu ser jitwettqu f'sa ħames każijiet b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti ta' eżitu. Dawk l-azzjonijiet ta' segwitu jistgħu jinvolvu l-għoti ta' appoġġ tekniku addizzjonali mill-ISU pereżempju għar-reviżjoni ta' pjani nazzjonali, l-iżvilupp ta' proposta jew proposti ta' proġett, eċċ.;

- Id-Deċiżjoni 2012/700/PESK appoġġat il-konferenza globali li saret f'Medellin, il-Kolombja, f'April 2014, intitolata 'Bridges between Worlds' u li kellha l-għan li tavanza l-fehim tal-komunità internazzjonali rigward post l-assistenza lill-vittmi f'kuntesti usa'. B'halo segwitu, din id-Deċiżjoni ser tkun tista' tiġi organizzata konferenza internazzjonali għall-esperti nazzjonali mill-ISU, f'kollaborazzjoni mal-atturi ewlenin bħall-UNOHCHR, l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni, u l-ICBL-CMC u organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà, biex jiġu esplorati l-sfidi u l-prattiki tajba għall-integrazzjoni tal-assistenza lill-vittmi fil-kuntesti usa' tad-diżabbiltà u l-iżvilupp fil-livell nazzjonali. B'mod partikolari, il-konferenza internazzjonali ser ikollha l-għan li ssaħħaħ il-konnessjonijiet bi sforzi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà ('CRPD') u proċessi tal-ippjanar għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-konferenza internazzjonali ser tibni fuq il-ħidma tal-Kumitat tal-Assistenza lill-Vittmi tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal u ta' rappreżentanti ta' korpi rilevanti oħra bħall-Koordinaturi tal-Assistenza lill-Vittmi tal-Koalizzjoni kontra l-Munizzjonijiet ta' Tferrix ("CCM") u l-Protokoll V dwar il-Fdalijiet Esplożivi tal-Gwerra għall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet u r-Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali li jistgħu Jitqiesu li huma ta' Ħsara Eċċessiva jew li għandhom Effetti Indiskriminati ("CCW").

2.2.3. Riżultati tal-Proġett

- Id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser jirriżultaw f'dokument ta' eżitu ddettaljat li jidentifika sfidi u lakuni li ser jipprovdi lill-Istati magħżulin b'rakkomandazzjonijiet u passi konkreti li jkunu jistgħu jittieħdu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fl-implimentazzjoni tal-impjenji tagħhom għall-assistenza lill-vittmi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo;
- Id-dokument ta' eżitu ser jappoġġa l-iżvilupp tal-politika nazzjonali u jiffaċilita d-djalogu u l-kooperazzjoni mad-donaturi u l-aġenziji ta' implimentazzjoni;
- L-azzjonijiet ta' segwitu, f'sa ħames Stati Partijiet, li jappoġġaw l-isforzi biex jingħelbu l-isfidi u l-lakuni identifikati matul id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser jirriżultaw f'aktar kapaċità tal-Istati Partijiet li jilhqnu l-impjenji tagħhom tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputopereżempju r-reviżjoni tal-pjani nazzjonali, l-iżvilupp ta' proposta jew proposti ta' proġett;
- Id-djalogi nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati ser joħlqu sensibilizzazzjoni tal-isforz globali u l-aħjar Prattiki għall-Indirizzar tal-ħtiġijiet tas-superstiti u jggarantixxu d-drittijiet tagħhom permezz ta' oqfsa usa';
- L-Istati magħżulin ser ikunu jistgħu jesprimu aħjar l-istatus ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo kif ukoll jirrapportaw dwar pjani għall-implimentazzjoni tiegħu;
- L-esperti nazzjonali li jipparteċipaw fil-konferenza internazzjonali ser ikollhom fehim aħjar dwar post l-assistenza lill-vittmi fl-isforzi għall-implimentazzjoni tas-CRPD u proċessi tal-ippjanar għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

2.2.4. Benefiċjarji

- L-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni li rrapportaw ir-responsabbiltà għal numru sinifikanti ta' superstiti tal-mini tal-art;
- Nisa, irġiel, subien u bniet li sfaw vittmi ta' mini tal-art u fdalijiet splussivi oħra tal-gwerra, kif ukoll il-familji u l-komunitajiet tagħhom;
- Esperti nazzjonali li jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għat-tneħħija tal-mini.

2.3. Universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni

2.3.1. Objettiv tal-Proġett

Sabiex noqorbu lejn l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni, id-Deċiżjoni ser tappoġġa lill-Presidenza tal-Konvenzjoni u lil Task Force ta' Livell Għoli biex jinvolvu flivell għoli Stati mhux partijiet. F'dan l-isforz, ostakli għall-aderenza għall-Konvenzjoni jiġu definiti u indirizzati u tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar l-istatus ta' ratifika u adeżjoni.

2.3.2. Deskrizzjoni tal-Proġett

- Task Force ta' Livell Għoli dwar l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni ser tkun appoġġata mill-ISU, inkluż l-appoġġ minn personalitajiet ta' livell għoli li ser jinvolvu ruħhom mal-mexxejja ta' sa ħames Stati mhux partijiet fil-livell ministerjali jew ogħla rigward l-adeżjoni għall-Konvenzjoni u/jew aderenza għall-Konvenzjoni u n-normi tagħha;
- Għarfien aġġornat dirett dwar ostakoli għall-adeżjoni mill-Istati mhux partijiet għall-Konvenzjoni ser jiġi mfittex bil-ħsieb li dik l-informazzjoni tikkontribwixxi għal dokumenti sostantivi mħejjija għar-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni fl-2019, inkluż permezz ta' rapport komprensiv rigward xi progress ikun sar fl-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni u n-normi tagħha kif ukoll l-ambitu għal aktar progress;
- L-istudju dwar is-sigurtà tal-fruntieri mibdi skont id-Deċiżjoni 2012/700/PESK preċedenti tal-Kunsill ser ikompli jiġi żviluppat, f'kollaborazzjoni mas-sħab bħaċ-Ċentru ta' Ġinevra tal-Politika tas-Sigurtà (GCSP) jew iċ-Ċentru ta' Ġinevra għall-Kontroll Demokratiku tal-Forzi Armati (DCAF), f'għodda ta' universalizzazzjoni immirata lejn Stati li għadhom jikkunsidraw il-mini kontra l-persunal bħala għodda indispensabbli għas-sigurtà tal-fruntieri.

2.3.3. Riżultati tal-Proġett

- Sa ħames Stati mhux partijiet ser ikunu involuti fil-livell ministerjali jew ogħla rigward l-aderenza għall-Konvenzjoni;
- Ser jinkiseb għarfien aġġornat dwar il-politiki tal-Istati mhux partijiet rigward il-mini kontra l-persunal. Dik l-informazzjoni ser tintuża għat-tħejjija ta' dokument sostantiv għar-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni, inkluż permezz ta' rapport komprensiv dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-għanijiet tal-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-ambitu għal aktar progress;
- Ser tieħu ħajja ġdida l-promozzjoni min-naħa tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi abbażi ta' azzjonijiet ta' segwitu li jirriżultaw miż-żjarat tat-Task Force ta' Livell Għoli;
- Ser jiġi akkumulat u miġbur aktar għarfien fpubblikazzjoni li ser tindirizza l-ostakli ipperċepiti b'mod l-aktar frekwenti għall-adeżjoni għall-Konvenzjoni u li tista' tintuża għall-appoġġ tal-isforzi għall-universalizzazzjoni;
- Ser isir progress fl-adeżjoni għall-Konvenzjoni u/jew it-tħaddin tan-normi tagħha mill-Istati mhux partijiet li kienu involuti f'dan il-proġett.

2.3.4. Benefiċjarji

- L-Istati, minbarra l-Istati Partijiet, li għadhom ma rratifikawx, ma approvawx, ma aċċettawx jew ma aderixxewx għall-Konvenzjoni;
- Stati Partijiet għall-Konvenzjoni u organizzazzjonijiet mhux governattivi u dawk internazzjonali involuti fi sforzi li jippromwov u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni.

2.4. Distruzzjoni tal-Kumulazzjoni: appoġġ għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għad-distruzzjoni tal-kumulazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo

2.4.1. Objettiv tal-Proġett

Jingħata appoġġ lill-Istati Partijiet li urew diffikultajiet li jilhq u l-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-distruzzjoni tal-kumulazzjoni sabiex jegħlubhom.

2.4.2. Deskrizzjoni tal-Proġett

L-ISU ser tkun involuta bil-għan li jiġu identifikati l-isfidi ewlenin u jiġu identifikati soluzzjonijiet possibbli biex jitlestew l-isforzi għad-distruzzjoni tal-kumulazzjoni fi Stati li għandhom skadenzi futuri jew li ma laħqux l-iskadenzi tagħhom għad-distruzzjoni tal-kumulazzjoni.

2.4.3. Riżultati tal-Proġett

Il-kisba ta' aktar għarfien dwar l-istatus u l-isfidi għat-tlestija tal-isforzi għad-distruzzjoni tal-kumulazzjoni.

2.4.4. Benefiċjarji

L-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni, li jinsabu fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom għad-distruzzjoni tal-kumulazzjoni skont il-Konvenzjoni.

2.5. Turija tal-impenn tal-Unjoni Ewropea

2.5.1. Objettiv tal-Proġett

L-impenn kontinwu tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għall-Konvenzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo jintwerew, kif ukoll l-appoġġ tagħhom għall-Istati Partijiet fil-proċess tal-implimentazzjoni ta' obbligi ewlenin skont il-Konvenzjoni.

2.5.2. Deskrizzjoni tal-Proġett

- Avveniment ta' tnedija ser jiġi mħejji għall-promozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-appoġġ tal-Unjoni għall-Azzjoni kontra l-Mini inġenerali, u ser jiġi organizzat avveniment ta' konklużjoni biex tingħata pubbliċità lill-attivitajiet previsti f'din id-Deċiżjoni u l-eżiti tagħhom, u b'hekk jiġi ssottolinjat il-kontribut tal-Unjoni;
- Il-komunikazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet tad-Deċiżjoni u tal-impenn tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ser tiġi enfasizzata matul l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fuq is-sit web tal-Konvenzjoni, permezz ta' pjattaformi tal-media soċjali kif ukoll permezz tal-istampa nazzjonali u dik internazzjonali;
- Materjal ta' komunikazzjoni pereżempju kartelluni, reklamar, videos, materjal ta' pubbliċità ser jinkiseb u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati u s-sħab involuti.

2.5.3. Riżultati tal-Proġett

- Uffiċjali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser ikunu konxji minn din id-Deċiżjoni u kif tista' tirrelata ma' hidmihom;
- L-impenn tal-Unjoni għall-Konvenzjoni u l-Azzjoni Kontra l-Mini inġenerali ser jitqiegħed fiċ-ċentru tal-attenzjoni għall-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni u tal-udjenza globali interessata fis-sigurtà tal-bniedem inġenerali;
- Ser tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni għall-objettivi tal-Konvenzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1429**tal-4 ta' Awwissu 2017****li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (2) Fil-21 ta' Lulju 2017, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1970 (2011) approva ż-żieda ta' bastiment wieħed għal-lista ta' bastimenti soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness V għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness V għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. MAASIKAS

⁽¹⁾ ĠUL 206, 1.8.2015, p. 34.

ANNEX

1. Il-bastiment elenkat hawn taħt għandu jiżdied mal-lista ta' bastimenti soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness V għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333:

- B. Entitajiet

1. **Isem:** CAPRICORN

Magħruf ukoll bħala: mhux applikabbli **Qabel magħruf bħala:** mhux applikabbli **Indirizz:** mhux applikabbli
Elenkat fi: 21 ta' Lulju 2017

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 8900878. Elenkat skont il-paragrafi 10(a) u 10(b) tar-risoluzzjoni 2146 (2014), kif estiża u mmodifikata bil-paragrafu 2 tar-risoluzzjoni 2362 (2017) (projbizzjoni fuq it-tagħbija, it-trasport jew il-ħatt; projbizzjoni li jidħol fil-portijiet). Skont il-paragrafu 11 tar-risoluzzjoni 2146, din id-deżinjazzjoni hija valida mill-21 ta' Lulju sal-21 ta' Ottubru 2017, sakemm ma tintemmx qabel mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tar-risoluzzjoni 2146. Stat tal-Bandiera: Tanzanija. Fis-16 ta' Lulju 2017, il-bastiment kien jinsab barra mix-xtut ta' Ċipru.

RETTIFIKA

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istat u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istat NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

<http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsts.html>

**Emendi għar-Regolament Nru 138 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Vetturi tat-Trasport bit-Triq
Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom**

Emendi għar-Regolament Nru 138 ippubblikat fil-ĠU L 9 tat-13 ta' Jannar 2017

Li jinkorpora:

Is-Suppliment 1 għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament — Data tad-dħul fis-seħħ: l-10 ta' Ottubru 2017

Is-serje ta' emendi 01 — Data tad-dħul fis-seħħ: l-10 ta' Ottubru 2017

Il-Paragrafu 1, jiġi emendat biex jaqra:

“1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi elettriċi tal-kategoriji M u N li jistgħu jitħaddmu fil-modalità normali, bir-reverse jew mill-inqas b'gear ta' sewqan 'il quddiem wieħed, b'ebda magna b'kombustjoni interna taħdem (!) fir-rigward tal-livell tal-ħoss tagħhom”.

Il-Paragrafu 2.7, jiġi emendat biex jaqra:

“2.7. “Funzjoni Pause” tfisser mekkaniżmu li jippermetti lis-sewwieq iwaqqaf it-tħaddim ta' AVAS.”

Il-Paragrafu 6.2.6, jiġi emendat biex jaqra:

“6.2.6. Il-funzjoni Pause

Kwalunkwe funzjoni Pause kif definita fil-paragrafu 2.7 għandha tiġi pprojbita.”

Il-Paragrafu 11, jiġi emendat biex jaqra:

“11. DISPOŻIZZJONIJET TRANŻIZZJONALI

11.1. Sat-30 ta' Ġunju 2019, l-ISO 10844:1994 jista' jiġi applikat bħala alternattiva għall-ISO 10844:2014 għall-verifika tal-konformità tal-korsa tat-test kif deskritt fl-Anness 3, paragrafu 2.1.2 ta' dan ir-Regolament.

11.2. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 01, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 01.

11.3. Mill-1 ta' Settembru 2019, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament fil-verżjoni oriġinali tiegħu, maħruġa għall-ewwel darba wara l-1 ta' Settembru 2019.

11.4. Sal-1 ta' Settembru 2021, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament fil-verżjoni oriġinali tiegħu, maħruġa għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Settembru 2019.

11.5. Mill-1 ta' Settembru 2021, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament fil-verżjoni oriġinali tiegħu.

- 11.6. Minkejja l-paragrafi 11.3 sa 11.5 ta' hawn fuq, l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont dan ir-Regolament fil-verżjoni oriġinali tiegħu, li mhumiex affettwati mis-serje ta' emendi 01, għandhom jibqgħu validi u l-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jaċċettawhom.
- 11.7. Minkejja d-dispożizzjoniet tranżizzjonali ta' hawn fuq, il-Partijiet Kontraenti li l-applikazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament tidħol fis-seħħ wara d-data ta' dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 01 mhumiex obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip li jkunu ngħataw skont dan ir-Regolament fil-verżjoni oriġinali tiegħu u huma obbligati biss li jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont is-serje ta' emendi 01.
- 11.8. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip, jew estensjoni tagħhom, skont dan ir-Regolament fil-verżjoni oriġinali tiegħu."

L-Anness 1, L-Addendum għall-formola ta' komunikazzjoni Nru. ..., Informazzjoni Teknika, paragrafu 1.2, jiġi emendat biex jaqra:

- "1.2. Deskrizzjoni tal-AVAS (jekk applikabbli):
- 1.2.1. Ħoss meta l-vettura tkun wieqfa (iva/le)
 - 1.2.2. Nru ta' ħsejjes li jistgħu jintgħażlu mis-sewwieq (1/2/3/...)"
-

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT